**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**Distrett Qormi**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Chantelle Caruana**

**Illum, 20 ta' Lulju, 2022.**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Chantelle Caruana, bin-numru tal-karta tal-identità 0036686M, li permezz tagħhom ġiet akkuzata:

*"Talli fix-xahar ta' Jannar 2021 u fil-granet u xhur precedent, kif ukoll t'a wara, gewwa il-fond Saint Anne's Court, Block C, Valletta Road, Hal Qormi*

1) *Mingħajr il-ħsieb li tisraq jew li tagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex teżerċita dritt li tippretendi li għandek, fixxkilt lil Joseph Baldacchino u*

*wahhalt CCTV cameras li jagħtu għall-partijiet komuni tal-blokka, u dan bi ksur tal-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Semgħet il-provi;

Rat id-dokumenti eżebiti;

Semgħet trattazzjoni;

Rat li din l-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat;**

Il-Qorti qieset li l-imputata qed ti[i akkużata bir-reat kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kodiċ i Kriminali. Il-Qorti ħadet konjizzjoni ta' dak li ngħadd fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell, fl-ismijiet, Pulizija vs David Frank Charles Muscat, deċiża fis-16 ta' Ottubru, 2018, fejn intqal:

***"It-tieni aggravju tal-appellant huwa l-artikolu 85 ma japplikax għaċ-ċirkostanzi li għalihom inħarġet din iċ-ċitazzjoni.***

***Il-Qorti tirreferi għas-sentenza 'Il-Pulizija v Michael Saliba' tal-20 t'Awwissu 2009 deċiż millQorti tal-Appell Kriminali, mogħtija mill-S.T.O Vincent De Gaetano, fejn, bħal ħafna deċiżjonijiet oħra kienu elenkati l-elementi tar-reat li jidher fl-artikolu 85 tal-Kap 9. Dawn huma:***

***(1) Att estern li jispolja lil xi ħadd ieħor minn ħaġa li jkun qiegħed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppożizzjoni, espress, jew preżunta, ta' dak il-ħaddieħor;***

***(2) Il-kredenza li l-att qiegħed isir b'eżerċizzju ta' dritt;***

*(3) Il-koxjenza fl-aġent li hu qiegħed jagħmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta' awtorita' pubblika;*

*(4) In-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.*

*Il-Qorti kompliet tispjega li l-kelma 'spolja' għandha sinifikat wiesgħa mogħti għall-istess artikolu 85 u cioe' li wieħed iġiegħel lil xi ħadd iħallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu ilma għalih, jew li wieħed b'mod ieħor kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor.' (Sottolinear ta' din il-Qorti waqt li fis-sentenza ċitata dawn il-kliem jidhru bejn inverted commas). Il-Qorti kompliet tgħid dan ir-reat huwa intiż biex jipprevjeni li wieħed, flok ma jirrikorri għall-proċedura skont il-liġi ċivili , jieħu l-liġi b'idjeh.'*

*Fil-każ ċitat il-Qorti kienet ikkonfermat sejba ta' ħtija taħt dan l-artikolu meta sid il-post qabad  u għalaq d-dawl mill-main minħabba li inkwilin ma kellux dritt jibqa' fil-post jekk qabel ma jħallasx il-kont kol*lu tad-dawl. Jiġifieri dan kien is-sid tal-post u xorta ma setax iwaqqaf is-servizz għax il-kerrej kie*n naqas li jħallas il-pendnezi tad-dawl.*

*Il-kliem 'jew li wieħed b'mod ieħor konta l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħadd ieħor' għandu portata qawwija. Din il-Qorti ma tidħol f'ebda dritt ta' propjeta' imma mill-atti u mix-xhieda jirriżulta kemm li l-okkupanti tal-flats' l-oħra għandhom l-użu tal-bejt kif ukoll għandhom dritt jużaw il-partijiet tat-triq jew tal-komun mingħajr ħadd ma jqis il-passi tagħhom. Dawn il-partijiet huma miftuħa ġaladarba mhux ta' persuna waħda partikolari. Ukoll jekk ċerti cameras twaħħlu biex ma jinsteraqx l-ilma minn fuq il-bejt, peress li l-okkupanti l-oħra tal-bejt għandhom l-użu tiegħu dan ma setax isir mingħajr permess ta' xi awtorita' (jekk hemm bżonn, b'intervent tal-Qorti) ġaladarba ma ntleħaqx ftehim bejn il-partijiet. Mill-provi joħroġ b'mod l-aktar ċar li ħadd ma ta permess lill-appellant iwaħħal il-cameras u kull xhud wera ma setax igawdi li ħajtu ġewwa u lanqas barra skont id-dirttijiet li għandu bħala okkupant ta' appartament kemm barra, kemm fil-komun kif ukoll fuq barra. Din il-parti tal-artikolu 85 tal-Kap 9 iddaħħlet bl-Att XVI tas-sena 2006*

*u għandha sinifikat enormi għaliex għamlitha ċara li l-artikolu 85 tal-Kap 9 mhux ristrett għal xi forma ta' spoll fis-sens dejjaq tal-liġi ċivili (Kap 16). Anzi l-leġislatur ried ikopri dawk is-sitwazzjonijiet kollha fejn wieħed ikun privat milli jgawdi d-drittijiet tiegħu bil-kwiet. Għalhekk wara li wiżnet ix-xhieda, id-dokumenti u r-ritratti l-Qorti sabet li jeżistu l-elementi kollha tar-reat u konsegwentement qed tiċħad l-aggravju tal-appellant."*

Qieset ukoll li d-difiża qed issostni li r-raba' element, u ċioè l-koxjenza fl-aġent li hu qiegħed jagħmel di privato braccio, dak li jmissu jsir permezz ta' awtorità pubblika, ma jissusstix, u *ergo* l-imputata għandha tiġi lliberata.

Din il-Qorti, iżda qabel xejn, tqis li kif taqra l-imputazzjoni, din tirreferi għall-allegazzjoni li Joseph Baldacchino, ġie allegatament imfixkel fil-pussess tiegħu, billi twaħħlu *CCTV cameras*, li jagħtu għall-partijiet komuni tal-blokka. Il-Qorti tqies li mill-provi li ġew prodotti, is-sid tal-parti komuni hija Kurabi Limited, mentri Joseph Baldacchino jirrissjedi f'dan il-fond, u għalhekk jutilizza l-partijiet komuni f'din il-blokka.

Irriżulta li l-ilment hekk kif jirrigwarda d-dati tal-imputazzjonijiet, huwa s-sitwazzjoni li tidher f'Dok JB2. Dok JB1 jirrigwarda s-sitwazzjoni kif kienet f'Settembru 2021, u kif irraportata mill-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data, f'Ottubru 2021 (Dok CC1).

Mill-provi rriżulta li din il-*camera* li tidher f'Dok JB2, twaħħlet mingħajr il-kunsens tar-residenti l-oħra f'dik il-blokka, u mingħajr ma ngħata xi permess jew kunsens da parti tal-amministratur tal-partijiet komuni. Madanakollu, ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, u ċioè mix-xhieda mogħtija minn Joseph Baldacchino u Carmel Baldacchino, ma tressqitx l-aħjar prova li din il-*camera* vera kienet qed tiġbed filmati li jagħtu għal fuq il-partijiet komuni. In fatti, ma ġewx eżebiti xi filmati minn din il-*camera* fiż-żmien tal-imputazzjoni, sabiex jiġi vverifikat li din qiegħda in fatti, tiġbed fuq il-partijiet komuni tal-blokka. Ix-xhieda mogħtija mill-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-

Data, u ċioè dik fis-sens li minn verifiki li saru, din il-*camera* kienet taqbad ftit il-*common parts*, tirrigwarda data differenti minn dik tal-imputazzjoni odjerna. In fatti, ix-xhud in rapprezentanza tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data rreferiet għat-18 ta' Ġunju 2021. Għalkemm l-imputazzjoni ssemmi x-xhur ta' wara, it-taħrika hija ttimbrata fit-8 ta' Marzu, 2021, u għalhekk, ċertament ma tirreferix għal xhur wara tali data ta' 8 ta' Marzu, 2021.

Din il-Qorti ma tqisx għalhekk, li ġew ippruvati l-elementi kollha rikjesti biex tissussisti din l-imputazzjoni. Ma tressqitx l-aħjar prova li t-twaħħil tal-*camera* fiż-żmien tal-imputazzjoni, kien qiegħed jispolja l-privatezza tal-utent tal-partijiet komuni, Joseph Baldacchino, (li huwa l-uniku kwerelant imniżżel fl-imputazzjoni), kif ukoll lanqas ġiet ippruvata l-koxjenza fl-aġent, li hija qiegħda tagħmel *di privato braccio*, dak li jmissu jsir permezz ta' awtorità pubblika.

**DECIDE**

Fl-isfond ta' dan kollu u għar-raġunijiet hawn fuq esposti, din l-Onorabbli Qorti mhux qiegħda ssib lill-imputata ħatja tal-imputazzjoni mressqa fil-konfront tagħha, u qed tilliberaha minn kull kundanna u ħtija.

Maġistrat Dr. Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Reġistratur